**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Johan J Fenech)**

**Vs**

**Hubert Gatt**

Kaz Numru: 82/18

Illum, 1 ta' Frar 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Hubert Gatt, ta' 29 sena, iben Anthony u Maria Dolores nee' Bonello, imwieled Pieta', fl-10 ta' Ottubru 1988 u residenti nru 222, St Mary Flats, Flat 4, Triq St Albert, Gzira, detentur ta' karta tal-identita' 477988 (M):

**U nakkuzawh** talli b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar il-25 ta Jannar 2018 f'xi hin wara nofs in-nhar minn gewwa il-hanut **Klikk**, triq tal-Barrani, Zejtun ikkometta serq ta apparat elettroniku u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta Joenick Farrugia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont **jeccedi** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

2. Nhar is-26 ta Jannar 2018 f'xi hin wara nofs in-nhar minn gewwa il-hanut **Klikk**, triq tal-Barrani, Zejtun ikkometta serq ta apparat elettroniku u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta Joenick Farrugia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont **jeccedi** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

3. Nhar is-26 ta Jannar 2018 f'xi hin filghaxija minn gewwa il-hanut **Exotique**, triq il-Manwel Dimech, Sliema ikkometta serq ta Samsung Tab active ghad-detriment ta Miguel Borg u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil hin, liema ammont **jeccedi** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

4. Nhar is-26 ta Jannar 2018 f'xi hin filghaxija minn gewwa il-hanut **Urban Jungle**, triq ix-Xatt, Sliema ikkometta serq ta hwejjeg ghad-detriment ta Peter Grech u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin, liema ammont **jeccedi** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

5. Nhar is-27 ta Jannar 2018 f'xi hin filghaxija minn gewwa il-hanut **Superdry**, triq il-Kbira, Sliema ikkometta serq ta hwejjeg ghad-detriment ta Robert Pace u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil hin, liema ammont **jeccedi**

is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

6. Nhar id-29 ta Jannar 2018 f'xi hin wara nofs in-nhar minn gewwa il-hanut **Exotique**, triq ir-Republika, Valletta ikkometta serq ta Playstation pro 4 ghad-detriment ta Miguel Borg u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont **jeccedi** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

7. Nhar it-30 ta Jannar 2018 f'xi hin wara nofs in-nhar minn gewwa il-hanut **Bureau Vallee**, triq l-Iljun, Qormi ikkometta serq ta Macbook ghad-detriment ta Christopher Gerard u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont **jeccedi** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

8. Nakkuzawh ukoll talli nhar it-30 ta Jannar 2018 u fil-jiem ta qabel, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxihom.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tittratta ma l-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula;

Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Għaldaqstant, filwaqt li nesebbixxu l-fedini penali u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, nitolbu li dan il-każ jiġi investigat skond il-Liġi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja,

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet mgjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni, wara li nghata zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat li l-prosekuzzjoni ddikjarat li t-tmien imputazzjoni inghatat bhala alternattiva.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall piena dan il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat li mhiex wahda netta. L-imputat ghandu ukoll il-vizzju tad-droga. Fic-cirkostanzi tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru tmienja (8), wara li rat l-artikoli 18, 49,

50, 279 (a) u 280 (1) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonjiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal 30 xahar prigunerija.

In oltre' ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal tlett (3) snin fil-konfront tal-imputat, sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u li anke jsegwi programm ta' riabilitazzjoni.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole u lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin abiex il-hati jinghata l-ghajnuna kollha biex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba tal-hlas tal-eperit.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat